**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 22 ta' Novembru 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**
**Vs**
**Nicole Brignione**

Kump Nru 680/2020

**Il-Qorti**;

Rat li l-imputata Nicole Brignone ta' 17 sena, detentrici tal-karta ta' l-identita 61203L, fejn giet akkuzata talli nhar it-2 ta' Diċembru, 2020 ghal ħabta ta' 12PM u fis-siegħat u/jew fil-ġranet u/jew gimgħat ta' qabel izda mhux aktar minn xahrejn ġewwa Bormla u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni wahda :

1. Ikkaġunat lil ommha **Samantha Brignone**, fastidju meta ġabet ruħha b'mod li missha kienet taf li kienet qed ikun tali;

2. Ikkaġunat lil ommha **Samantha Brignone,** biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha;

3. Insulentat, heddidt jew inġurjat bi kliem jew b'mod ieħor lil ommha **Samantha Brignone;**

4. Għamlet inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali lil ommha **Samantha Brignone** jew, jekk kienet ipprovokata, inġurjat b'mod li ħarġet barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

5. Kisret Ordnijet tal-Probation a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kienet ġiet misjuba hatja b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta minn Mgt Dr. D. Clarke nhar il-15 ta' Jannar, 2020, fejn ġiet liberata bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu;

6. Kisret il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Mgt Dr. Yana Micallef Stafrace LL. D) nhar il-21 ta' April 2020 f'dan li bih inghatat l-ħelsien mill-arrest taht garanzija personali ta' 20,000 ewro u dana bi ksur ta' l-artikolu 579 (2) (3) tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmijja Nicole Brignone u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmijja imputata kif ukoll tordna li s-somma ta' 20,000 ewro jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Nicole Brignone** a benefiċju ta' **Samantha Brignone** u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll titratta lil **Nicole Brignone** bħala persuna reċediva meta ġie ssentenzjat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru

definittivi u ma jistawx jiġu mibdula u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija mitluba wkoll f’każ ta’ ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta’ **Samantha Brignone** jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Nicole Brignone** b’obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta’ somma ta’ flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, għal zmien li tħoss xieraq;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali;

Rat l-atti u id-dokumenti;

Rat il-verbal tal-udjenza ta` llum stess fejn Samantha Brignione, omm l-imputata, iddikjarat irrevokabbilment li hija ma tridx tixhed kontra bintha, u li kienet qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali. U konsegwentament, bis-sahha ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u bhala l-allegata vittma, kienet effettivament qed titlob lil din il-Qorti twaqqaf dawn il-proceduri.

Semget lill-prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-Ligi u li fic-cirkostanzi ddikjarat li ma kelliex aktar provi xi tressaq.

**Konkluzjoni.**

**Illi meqjus kollox, u definittivament mhux dovut ghal xi nuqqas da parti tal-prosekuzzjoni, f'dan il-procediment ma jirrizultawx bizzejjed provi kontra l-imputata.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL NICOLE BRIGNIONE MHUX HATIJA TA` L-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA MIGJUBA KONTRA TAGHHA U MINNHOM TILLIBERAHA SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur